# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 19 ta' Frar 2001**

**Avviz. numru 1242/99**

**Numru 36**

**Michele Peresso Ltd**

**vs**

**Neville Zammit**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' dik is-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti (liema somma teccedi Lm250 pero' mhux Lm1000) in linea ta' danni li soffriet is-socjeta attrici wara li l-vettura li ggib in-numru BBE 905 proprjeta' taghha u li kienet fil-pussess tal-konvenut garbet diversi hsarat li ghalihom l-konvenut responsabbli.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat il-verbal a fol 7 tal-atti kif ukoll in-nota tal-eccezzonijiet tal-konvenut (fol 8 ibid) li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi l-konvenut qatt ma kkawza hsarat lill-vettura BBE 905 kif qieghda tallega s-socjeta attrici, u dana kif jigi ppruvat waqt l-andament tal-kawza.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut ma kienx l-unika persuna li kienet taghmel uzu mill-karozza BBE 905.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili) u wara li rat li, fl-istess nota a fol 12 tal-atti, il-hsarat in kwistjoni gew specifikati fl-ammont ta' Lm325.90,0.

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fis-6 ta' Frar 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Wara li rat ukoll il-verbal tas-seduta tallum stess.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm325.90,0 bl-imghax legali mill-20 ta' Awissu 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Dep.Reg

Avviz Nru 1242/99 JAB